

Brussell, 22 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11371/25
PV CONS 39
ECOFIN 969
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA¹
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)
8 ta' Lulju 2025

¹ Fil-preżenza tal-President tal-BEI

1. **Adozzjoni tal-aġenda** 10792/25

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 10792/25.

2. **Approvazzjoni ta' punti "A"**

- a) **Lista mhux leġiżlattiva** 10790/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

- b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 10789/25

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1092-1095/2010 u (UE) Nru 2021/523 fir-rigward ta' ċerti rekwiżi ta' rappurtar fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-appoġġ għall-investiment**



10708/25
7377/25 + ADD 1
EF

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-02.07.2025

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 114, l-Artikolu 173 l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, TFUE).

Affarijiet Barranin

2. **Deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija**



10710/25 + ADD 1
PE-CONS 15/25
POLCOM

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-02.07.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 194 TFUE), bl-Ungerija tivvota kontra u ċ-Ċekja, Franza, Malta u l-Awstrija jastjenu. Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Pakkett ta' Munita Unika**



10767/25
11605/23 + ADD 1
11604/23
11603/23

- a) **Regolament dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali**
b) **Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament mhux fiż-Żona tal-euro**

- c) **Regolament dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro**

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett leġislativ imsemmi hawn fuq.

4. **Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Rieżami tat-Titolizzazzjoni**  10530/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni + ADD 1-3
10531/25
+ ADD 1-3

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni.

5. **Affarijiet oħra** 10781/25
Proposti leġislativi attwali dwar is-servizzi finanzjarji
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar il-ħidma li għaddejja dwar il-proposti leġislativi dwar is-servizzi finanzjarji.

Attivitajiet mhux leġislativi

6. Programm ta' ħidma tal-Presidenza 
Preżentazzjoni mill-Presidenza
Skambju ta' fehmiet
7. L-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-aggressjoni tar-Russja
kontra l-Ukrajna
Skambju ta' fehmiet
8. Irkupru ekonomiku fl-Ewropa 
Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
(Bażi legali: l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241)
Adozzjoni 10502/25 + ADD 1
10509/25 + COR 1
+ ADD 1 REV 1
10517/25 + ADD 1
10522/25 + ADD 1
10528/25 + ADD 1
10529/25 + ADD 1
9. Semestru Ewropew 2025
a) Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi 9904/3/25 REV 3
(Bażi legali: l-Artikoli 121 u 148(4) TFUE) 9905/25
Adozzjoni 9906/25
b) Konklużjonijiet dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2025 skont 10338/25
il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku 11111/25
Approvazzjoni

10. Implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika
- a) Pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju: 10339/25
Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill 10340/25
(Bażi legali: Regolament (UE) 2024/1263) 10342/3/25 REV 3
 - b) Klawżoli liberatorji nazzjonali: Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill 10347/25
(Bażi legali: Regolament (UE) 2024/1263) 10348/25
 - c) Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv 10349/25
(Bażi legali: l-Artikolu 126(6+7) TFUE)
- Adozzjoni*
11. Thejġija għal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-pajjiżi tal-G20 tas-17 u t-18 ta' Lulju 2025: Termini ta' referenza tal-UE 10358/25
Approvazzjoni
12. Adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija ☐C
- a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2026 10351/25
(Bażi legali: l-Artikolu 140(2) TFUE)
 - b) Regolament tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija 10352/25
(Bażi legali: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98)
 - c) Regolament tal-Kunsill dwar ir-rata ta' konverżjoni għall-euro fil-Bulgarija 10353/25 + COR 1
(Bażi legali: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98)
- Adozzjoni*
13. Affarijiet oħra

-
- ❶ L-ewwel qari
 - ☐3 Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
 - ☐C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 10789/25**Dwar il-punt "A"
nru 2:**

Deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA, FRANZA, MALTA U L-AWSTRIJA

"Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Awstrija jappoġġaw l-oġġettiv u s-sustanza tal-Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("Ftehim").

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Awstrija ma jistgħux jaqblu mal-bażi legali magħżula għad-Deċiżjoni.

B'mod konsistenti ma' deċiżjonijiet preċedenti meħuda rigward it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, l-Artikolu 194 TFUE flimkien mal-Artikolu 207 TFUE jkun il-bażi legali sostantiva aktar xierqa.

Aktar importanti minn hekk, l-Artikolu 194 TFUE ma jistax iservi bħala bażi legali proċedurali biex l-Unjoni tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim. Il-Ftehim ser jikkostitwixxi sors ta' dritt internazzjonali pubbliku fil-forma ta' trattat. Il-proċedura applikabbli f'każijiet fejn l-Unjoni Ewropea tagħixxi bl-għan li ssir parti kontraenti għal ftehim internazzjonali hija stabbilita fl-Artikolu 218 TFUE.

Għalhekk, l-Unjoni għandha tadotta l-Ftehim abbażi tal-Artikolu 218 TFUE, peress li l-Istati Membri, li jaġixxu bħala suġġetti tad-dritt internazzjonali pubbliku, f'dan il-każ jassumu pożizzjoni simili għal dik ta' pajjiżi terzi, minħabba s-suġġett tal-Ftehim u bħala riżultat tad-diviżjoni tal-kompetenzi. Barra minn hekk, il-karattru anċillari tal-Ftehim għal trattat konkluż ma' pajjiżi terzi jappoġġa wkoll l-użu tal-Artikolu 218 TFUE bħala bażi legali proċedurali.

L-użu tal-Artikolu 194 TFUE bħala bażi legali proċedurali jaffettwa b'mod negattiv il-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali, ifixxkel is-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala koleġislaturi u jista' jistabbilixxi preċedent sfavorevoli.

Barra minn hekk, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Awstrija jenfasizzaw li d-Deċiżjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala li taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi fir-rigward tas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-investitur u l-istat.

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Awstrija jirriżervaw id-drittijiet kollha li jieħdu kwalunkwe azzjoni legali li jqisu meħtieġa biex jitolbu rimedju."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa u tingħaqad mad-deċiżjoni proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adozzjoni mill-Unjoni tal-Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom. Għaldaqstant, il-proposta msemija hawn fuq ma tistax titqies bħala l-fehim komuni tal-Unjoni Ewropea.

Id-deċiżjoni proposta mal-adozzjoni ma tistax tiġi interpretata b'mod li jimplika b'mod impliċitu jew espliċitu l-appoġġ tal-Ungerija.

L-Ungerija tibqa' fil-pożizzjoni li l-konklużjoni tal-Ftehim teħtieġ il-bażi legali xierqa skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali.

Fir-rigward tas-suġġett, l-Ungerija hija tal-fehma li, f'konformità mar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, huwa xieraq li jiġi stabbilit ftehim b'kamp ta' applikazzjoni li jħares 'il quddiem u implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Komstroy. It-tħassib tal-UE ma jistax jiġi indirizzat b'mod arbitrarju b'effett retroattiv, peress li tali approċċ jista' jikser id-drittijiet akkwiziżi tal-investituri skont it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE). In-nuqqas ta' ċertezza legali u n-nuqqas tad-dritt tal-investituri għal rimedju legali jqajmu l-aktar tħassib serju billi jinjoraw l-interessi leġittimi tal-investituri, id-danni mġarrba, u d-dritt għal rimedji legali.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Ungerija ssostni li l-kolliżjoni legali eżistenti bejn id-dritt tal-UE u t-TKE fir-rigward tal-applikabbiltà tas-soluzzjoni ta' tilwim bejn Stat Membru u investitur ta' Stat Membru ieħor dwar investiment magħmul minn dan tal-aħħar fl-ewwel Stat Membru tista' tiġi rrikonċiljata biss f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali flimkien. Minn naħa waħda, il-kunflitt jista' jiġi rrikonċiljat permezz tal-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati (KVLt), permezz tal-modernizzazzjoni tat-TKE applikabbli għall-futur jew, min-naħa l-oħra, permezz tal-Artikolu 41 KVLt permezz ta' arranġamenti bilaterali jew plurilaterali.

It-TKE immodernizzat jinkludi fl-Artikolu 24(3) klawżola ta' skonnessjoni intra-UE bl-għan li tiġi eskluża l-applikazzjoni futura tat-trattat bejn l-Istati Membri tal-UE. Fi ftehimiet bilaterali u multilaterali futuri possibbli, l-Istati Membri jistgħu jaqblu b'mod reċiproku li, fid-dawl tas-sentenza Komstroy u r-relazzjonijiet intra-UE, id-dispożizzjoni għas-soluzzjoni ta' tilwim tat-TKE ma għandhiex tapplika fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom.

B'kont meħud tar-raġunament legali ta' hawn fuq, l-Ungerija għandha l-pożizzjoni soda li ma hemm l-ebda obbligu legali għall-ftehim inter-se propost għal dawk l-Istati Membri li mmodernizzaw it-TKE, inkluż l-Ungerija, f'konformità mal-istrateġija adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Mejju fir-rigward tat-TKE."